Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Numru 1096/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs.**

**MARIA SPERANZA MANGION**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maria Speranza Mangion ta’ 48 sena, bint Francis u Rose nee’ Sciberras, mwielda Pieta’ nhar it- 23 ta’ Frar 1961, residenti numru 32, Sunset Flat 2, Triq Tumas Dingli, Mosta u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 149961 M.

Billi hija akkuzata talli nhar l-4 ta’ Settembru 2009, f’ xi hin matul il- gurnata, f’ dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa d-Dental Surgery Department ta’ l-iSptar Mater Dei, waqt li

kienet xoghol gewwa l- istess dipartiment, ikkommettiet serq ta’ Quickcash Credit Card mahruga mill-HSBC, u ssusegwentement is-serq ta’ 123.07 Ewro, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u li sehh ghad-detriment ta’ Mary Angela Cassar u/jew ta’ persuni ohra;

U akkuzata wkoll talli fl-istess data, ghall- habta tal- 11:20 hrs, f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l-fond Till Late li jinsab gewwa l-iSptar Mater Dei, b’ mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex gieghlet titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh bi hsara ta’ Mary Angela Cassar u/jew ta’ persuni ohra;

U finalment akkuzata wkoll talli fl-istess data, ghall- habta tal- 11:20 hrs, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ gewwa l-fond Till Late li jinsab gewwa l-iSptar Mater Dei, iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku tal- Gvern, u li sehh ghad-detriment ta’ Mary Angela Cassar u/jew ta’ persuni ohra;

Flimkien mal-piena dovuta, f’ kaz ta’ htijja, il-Prosekuzzjoni qieghda umilment titlob lil Din l- Onorabbli Qorti, l- interdizzjoni generali perpetwa ta’ Maria Speranza Mangion, minhabba l- fatt li hija Ufficcjal jew Impjegat Pubbliku.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM3 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ghandha fedina penali netta u li l-istess imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija. L-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li r-rifurtiva konsisteni f'Euro 123.07 giet ritornata lil sidha u li dan kien kaz spjacevoli li wassal lill-imputata sabiex taghmel dawn ir-reati f'cirkostanzi familjari iddisprati u konsegwentement il-Prosekuzzjoni talbet li sa fejn hu legalment possibbli, l-Qorti turi l-hniena kollha taghha mal-imputata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261(d), 268(d), 281(a), 308, 167(1) u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Maria Speranza Mangion fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputata u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputata Maria Speranza Mangion taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputata Maria Speranza Mangion ghall-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li din is-Sentenza in kwantu tirrigwarda l-kundanna tal-imputata Maria Speranza Mangion ghall-interdizzjoni generali perpetwa, ghandha tigi ppubblikata

fil-Gazzetta tal-Gvern u ghal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Speranza Mangion l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------